# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tal-Ħames laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## ***1. Talba.***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## ***2. Approvazzjoni tal-Minuti tar-Raba' laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015.***

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## ***3. Komunikazzjni mis-Sindku***

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono pprezenta kwotazzjoni tax-xogħol sabiex jitwaħħal madum fil-Latrina ta' San Tumas f'dik ta' l-irġiel u f'dik tan-nisa. Dan jammonta għas-somma ta' elf mija u ħamsa u sittin ewro (€1165) mingħand Elton Scicluna filwaqt li l-materjal relatat jkun madum mixtri mingħand Carini Stores li jammonta għal tlett mija u tnejn u ħamsin ewro u tnejn u ħamsin centezmu ( €335.52) u materjal ieħor fejn is-somma totali ma taqbizx l-ammont ta' sitt mija u tmenin ewro (€680). Is-Sindku talab li dan ix-xogħol jibda minnufih minħabba l-istat li jinsabu fihom id-divizorji f'dawn il-latrini pubblici.. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mis-6 t'Awissu sat -23 ta' Settembru 2015.

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono għamel referenza għall-Laqgħa Plenarja li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015.

4.2 B'referenza għat-talba tas-Sur George Tabone li talab kumpens lammonta għal madwar tmenin ewro (€ 80) minħabba danni li sofra fi Triq l-Ingiered fejn qed jallega li sofra minħabba ħofra s-Sindku talab li l-Kunsill jitlob parir professjonali mill-Kumpanija ta' l-Insurance MIB li magħha l-Kunsill għandu polza ta' Assigurazzjoni sabiex jiġi identifikat jekk it-talba hiex gustifikata jew le. Hu qal li fid-dehra tagħha din it-talba mhux ġustifikata, biss ħadd mill-Kunsill mhu espert f'dan il-qasam u mhux ġust li l-Kunsill jitħalla mill-Bord tal-Governanza jiddeċiedi hux ġusti jew le it-talbiet mressqa meta mhux qed jintalab li meta jsiru aċċidenti simili jkunu prezenti l-Gwardjani Lokali sabiex jivverifikaw u jittieħdu r-ritratti neċessarji sabiex jiġi ikkonfermat li tali danni seħħew fil-post indikat u li vera ġew sofruti. Dan għaliex mhux sew li b'sempliċiment rapport fl-għassa jkun ivverifikat u aċċertat li dawn l-inċidenti jkunu seħħew fejn indikat. Is-Sindku talab sekondant għal mozzjoni li l-Kunsill jitlob verifika ma l-Uffiċjali ta' l-Insurance. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal servizz ta' reklamar fuq il-kalendarju għas-sena 2016 tal-Marsa Trinity AFC għas-somma ta' mitt ewro (€100). Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-vot kien unanimu .

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal servizz ta' reklamar fuq il-kalendarju għas-sena 2016 tal-Marsa Football Club għas-somma ta' ħamsin ewro (€50). Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal servizz ta' relkamar fuq brochures u billboards waqt wirja li ser tittella' mis-Soċjeta' Muzikali Trinita' Qaddisa għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

4.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni sabiex is-Segretarju Ezekuttiv jattendi kors imtella' mill-Kumpanija Media Coop għas-somma ta' mitejn u ħamsa u disgħin ewro (€295). Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.7 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-membri prezenti t-talba għal Communal Loading and Unloading bay quddiem Ray Hardware Store. Hu talab jekk il-Kunsill isibx xi oġġezzjoni sabiex issir din it-tabella u l-marki tat-toroq għalija. Hu qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill m'għandhux ikun kontra tali permess pero' din għandha tiġi approvata u mgħotija lil kull ħanut bħal ironmongers, grocers, confectionaries u tal-ħobz Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. *Schedule of Payments 9/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal ħlasijiet tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4080 - 4104*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 4080 - 4104 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3062 - 3084*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 3062 sa 3084 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Bdil tal-Fence tal-Vaska z-Zgħira*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill japprova li l-ħaddiema ta' l-IPSL jwettqu dan ix-xogħol ta' bdil ta' fence tal-vaska z-zgħira li tinsab fil-Ġnien 6 t'Awissu bil-materjal jiġi provdut mill-Kunsill. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. *Trasferiment tad-data ta' l-inawgurazzjoni tal-Monument*

9.1 Minħabba li fid-data proposta mill-Kunsill, il-Provinċjal ma setax jkun prezenti għal inawgurazzjoni tal-Monument, is-Sindku ppropona li jsir kuntatt mall-Provinċjal biex tinstab data li tkun ta' konvenjenza għalih u tiġi kkomunikata lill-Membri tal-Kunsill aktar il'quddiem. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-vot kien unanimu.

## *10. Proġett ta' "Upgrading" ta' Triq Zerafa qabel id-dħul tal-Ġnien*

10.1 Is-Sindku talab li l-Kunsill iħejji stima ta' spejjez involuti fuq dan il-proġett sabiex mbagħad il-Kunsill japplika għall-finanzjament tiegħu mill-MEPA taħt il-UIF . Dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur Karmig li l-Kunsill għandu kuntratt validu miegħu. Il-Vici Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Ħruġ ta' Kwotazzjoni għal bdil ta' bankijiet għall-Bandli Juan Mamo.*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni għal xiri u twaħħil tal-bankijiet tal-ħadid liema spiza tiġi ffinanzjata mill-fond tal-MEPA li huma l-UIF. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Andament ta' Ġbir ta' Skart filgħodu*

12.1 Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex il-ġbir jibda jsir mit- tmienja w nofs ta' filgħodu (8.30am) l'quddiem dan sabiex jingħata aktar cans li jikkalma t-traffiku ta' filgħodu. B' dan il-mod wkoll jista' jirrizulta' fi tnaqqis fl-iskart li ma jingabarx minħabba li ma jinħariġx fil-ħin. Il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur b'dan it-tibdil biss ir-residenti għandhom jibqaw jintalbu joħorġu l-iskart tagħhom qabel it-tmienja ta' filgħodu (8.00am). Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Tarmak fi Triq is-Sajjieda*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill jwettaq resurfacing ta' Triq is-Sajjieda u dan isir mill-Kunsill u jitħallas mill-istess Kunsill wara li jitlesta l-proġett li qed jiġi mwettaq mill-WSC għan-nom tal-Gvern Ċentrali sabiex tiġi eliminata l-problema ta' zbroff u għarar ta' dranaġġ f'din it-triq.

13.2 Huwa qal li sabiex isir qlib aħjar ta' l-ilma, l-Kunsill għandu jagħti wiċċ ġdid ta' din it-triq u mhux jħalli l-WSC jagħmel kisi ta' tarmak tat-trinka biss. Dan ix-xogħol huwa stmat li jiġi jiswa madwar sitta u għoxrin elf ewro (€26,000) u għandu jsir mill-Kuntrattur Central Asphalt li l-Kunsill għandu kuntratt validu miegħu. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

13.3 Is-Sur Dominic Spencer talab li l-parkeġġ tal-karozzi f'din it-Triq jinbidel u jsir fuq in-naħa tax-xellug u l-qlib ta' l-ilma jsir dik in-naħa wkoll, dan sabiex jgħin u jnaqqas l-inkonvenjent li għandhom ir-residenti ta' din in-naħa minħabba l-ilma li jiġi mormi fuq il-bibien tagħhom kull darba li tgħaddi karozza minn din it-triq.

13.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti din il-proposta mall-Perit u l-kuntrattur li huma aktar tekniċi fuq dan is-suġġett.

## 14. *Appoġġ lill-Prim Ministru fuq il-problema ta' Triq is-Salib u l-akwata.*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill joħroġ stqarrija fejn jagħti l-appoġġ tiegħu lil Prim Ministru sabiex tinstab soluzzjoni għal persuni refuġjati li kull filgħodu jokkupaw quddiem is-Salib tal-Marsa sabiex isibu xogħol u b'dan il-mod jagħtu l-impressjoni li l-Marsa hija post tat-tielet dinja. Dan mhux aċċettabbli aktar u l-Kunsill jirringrazzja lil Prim Ministru talli semgħa t-talba tal-Kunsill sabiex tingħata importanza u tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 15. *Ħruġ ta' Tender - Christmas Lights Decorations*

15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova l-ħruġ tat-Tender għal Dawl tal-Milied u jiġu nkluzi wkoll fustuni u disinji movimentati fuq il-Pont ta' San Tumas . L-offerta għandha tkun miftugħha għal xahar u tiswa mitt ewro (€100). L-avviz fuq il-ġurnali għandhom isiru fuq The Times kif obbligat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u fuq il-Gazzetta tal-Gvern u l-Orizzont sabiex jadherixxi mall-liġi. Is-Sur Dominic Spencer issekoda. Il-Vot kien unanimu.

## 16. *Ħruġ ta' kwotazzjoni għall-logħob tat-tfal fil-Ġnien 6 t'Awissu*

16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex tinħareġ kwotazzjoni għal xiri u nstallazzjoni ta' logħob tat-tfal fil-Ġnien 6 t'Awissu. L-avviz għal din il-kwotazzjoni għandhom isiru fuq il-ġurnal The Times kif obbligat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u fuq il-Gazzetta tal-Gvern u l-Orizzont sabiex jadherixxi mall-liġi. Is-Sur Jean Paul Zammit issekodna. Il-Vot kien unanimu.

## 17. *Ħruġ ta' kwotazzjoni għal dustbins fejn il-ħwienet u fil-Ġnien 6 t'Awissu*

17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex tinħareġ kwotazzjoni għal xiri u nstallazzjoni ta' dustbins biex jitpoġġew fejn il-ħwienet u fil-Ġnien 6 t'Awissu. L-avviz għal din il-kwotazzjoni għandhom isiru fuq il-ġurnal The Times kif obbligat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u fuq il-Gazzetta tal-Gvern u l-Orizzont sabiex jadherixxi mall-liġi. Is-Sur Frank Zammit issekodna. Il-Vot kien unanimu.

## *18. Xogħol biex tissolva l-problema ta' Marsa Road*

18.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex il-Kunsill japprova li jsir gutter fi Triq Marsa kantuniera ma Triq Azzopardi quddiem Holy Trinity Pharmacy sabiex tissolva l-problema ta' l-għarar f'din it-triq. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur Central Asphalt li l-Kunsill għandu kuntratt validu miegħu. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *19. Tweġibiet għall-misoqsijiet prezentati mill-Kunsilliera*

19.1 Is-Sur Jean Paul Zammit talab lill-Kunsill jikkunsidra li jtella' attivita' u jistieden il-bands li jipprattikaw it-talent muzikali tagħhom fi Triq il-Kapuċċini. Ġiet diskussa fit-tul din il-proposta fejn ġie maqbul li din il-proposta għanda tiġi kkonsidrata favorevolment meta tittella' serata ta' Attivita' mill-Kunsill.

19.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk il-Kunsill kienx mistieden għal riċeviment organizzat mir-Regatta Klabb Marsa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li kif kien informa l-Kunsill kif ukoll lil kull membru prezenti dan ir-riċeviment kien ġie mħassar mill-istess għaqda u l-Kunsill ma kienx ġie nfurmat għal meta ġie pospost dan ir-riċeviment.

19.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa sabiex il-Kunsill jikteb ittra fejn jawgura lill-Klabb tar-Regatta għar-rebħa tas-Shield f'Jum il-Vitorja.

19.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill tiġa bagħat ittra uffiċjali fejn awgura lill-Klabb tas-suċċess li ġie miksub u għal unur li dan il-klabb għamel f'isem il-Lokalita'.

19.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa kif il-Kunsill ma kienx infurmat bil-laqgħa li l-Għaqda Storika Kulturali kellha mall-Membri minn Marsa Bridgwater Association. Is-Sur Dominic Spencer wieġeb bil-permess tas-Sindku li dawn talbu li jiltaqaw biex jirringrazzjaw lill-membri ta' l-Għaqda fil-Headquarters tagħhom pero' l-għaqda talbet li tiltaqa' magħom fil-bini tal-Kunsill u ma naħsibx li setgħa kien hemm xi problema.

19.6 Fuq dan is-suġġett saret diskussjoni dwar l-andament ta' dan il-ġemellaġġ wara li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa x'benefiċċju qed jieħu l-poplu Marsi. Is-Sur Dominic Spencer ta rendikont fejn fost l-oħrajn informa lill-membri prezenti bil-kollaborazzjoni li qed isir bejn l-Iskola Primarja fi Bridgewater u dik tal-Marsa, kif ukoll il-kollaborazzjoni bejn iz-zewġ għaqdiet ta' l-iscouts bejn taz-zewġ irħula. Huwa zied jgħid wkoll li waqt il-konferenza li hu ġie mistieden għaliha fi Bridgwater bdew taħdidiet wkoll ma delegazzjoni mill-Italja li Bridgwater hija ġemellata magħhom u tidher il-possibilta' li l-Kunsill Lokali tal-Marsa jista' jkollhu l-Marsa jkollha l-possibilta' li jkollha t-tieni ġemellaġġ.

19.7 Is-Sur Dominic Spencer talab li l-Kunsill jipproċedi bil-protest ġudizzjarju dwar il-konfini tal-Marsa u jiftaħ kawza l-Qorti kontra l-Kumitat Ismijiet tat-Toroq u l-Kummissjoni Elettoral u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex toroq li llum jaqaw taħt il-konfini tal-Ħamrun jerġaw jiġu mgħoddija taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali tal-Marsa b'digriet mill-Qorti stante li l-Kunsill ġie njorat bil-protest ġudizzjarju.

## *20. Aġġornament tal-Laqgħa*

20.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 t'Ottubru 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (6.45pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv